# Il-knisja ta’ San Nikola
# - fil-Fortizza Ricasoli, fil-limiti tal-Kalkara -

Kitba ta’ Duncan Brincat
Mibnija fuq il-kitba ta’ A. Quintano: *Ricasoli, Malta – History of a Fort*

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

L-Ordni tal-Kavallieri ta’ San Ġwann essenzjalment kien ordni reliġjuż li iżda kellu wkoll id-dmir li jieħu ħsieb il-pellegrini matul il-vjaġġ tagħhom lejn l-Art Imqaddsa kif ukoll jiddefendihom kontra l-attakki tal-Mislem. Aktar tard, meta l-Art Imqaddsa intilfet u l-Insara tkeċċew minn hemm, il-kariżma ta’ dan l-Ordni twessgħet u ħadet il-forma ta’ difensur tal-Fidi Kattolika fin-naħa t’isfel tal-Ewropa.

Iżda r-rabta tal-Ordni mar-reliġjon qatt ma ntesiet u għalhekk fil-fortizzi li kienu jibnu, kienu jieħdu ħsieb li jkun hemm post ta’ talb fejn is-suldati setgħu jitgħolbu għall-għajnuna t’Alla fi żmien ta’ ġlied kif ikoll post fejn setgħu jirringrazzjawh meta kienet tiġihom tajba.

Għalhekk, meta l-Ordni bena l-fortizza lejn il-Kalkara, li llum hija magħrufa bħala l-Forti Ricasoli, bejn is-snin 1670 u 1698, huma ħasbu wkoll biex fiha jibnu knisja biex tkun ċentru ta’ faraġ għal dawk stazzjonati fiha.

## Il-Forti Ricasoli

Din il-fortizza nbniet fuq ul-peniżola tal-lvant li hemm tagħlaq parti mill-Port il-Kbir. Din il-peniżola kellha għadd ta’ ismijiet matul is-snin fosthom “*il-Ponta tal-Forka*” għax fuqha kienu tgħallqu tnejn minn-nies li kienu ppruvaw joħolqu rewwixta fost l-iskjavi fl-1531, sena biss wara l-miġja tal-kavallieri f’Malta.

Matul l-Assedju l-Kbir, l-Ottomani kienu użaw din il-peniżola biex jisparaw il-kanuni tagħhom fuq il-forti Sant'Iermu, fuq in-naħa l-oħra tad-daħla tal-Port il-Kbir. Għalhekk, fl-1629 il-Kavalliet Taljan Alessandro Orsi kien ħallas għal torri li nbena hemm. Dan it-torri kien jismu "*Torre San Petronio*" iżda kulħadd kien jafu bħala "*t-Torri Orsi*". Dan kiemn torri tond u kien issaħħaħ b'binjiet oħra ta' difisa madwaru.

Aktar tard, fl-1644 Giovanni de Medici kien ipporpona li l-forti Sant'Anġlu jiġi abbandunat u minfloku tinbena forti oħra fuq il-Ponta tal-Forka. Il-pjanti kienu saru iżda l-pjan qatt ma seħħ.

Fl-1669, wara l-waqgħa ta' Candia il-Gran Mastru Nikola Cotoner, imbeżżgħa li Malta setgħet kienet fil-mira tal-Ottomani għal darb'oħra, qabbad lill-Inġinier Taljan Antonio Maurizio Valperga biex jibni forti hemm. Il-Kavallier Fjorentin Fra Giovanni Franceso Ricasoli ta 20,000 skud għall-bini ta' din il-fortizza ġdida u għalhekk baqgħet iġġib ismu sal-lum. L-ewwel ġebla tal-fortizza tqiegħdet f'Ġunju tal-1670. Il-barrakki, il-kappella u xi binjiet oħra fil forti saru bejn l-1680 u l-1690. Il-forti kien lest minn kollox u armat f'Mejju tal-!689.

Matul is-snin, il-fortizza sarulha ħafna tibdiliet skont il-ħtiġijiet ta' dawk iż-żminijiet. Il-fortizza għamlet żmien tintuża bħala ħabs qabel ma nbena dak ta' Kordin.

**Il-bini tal-Kappella**

Il-Gran Mastru Nicola Cotoner kien għamar lill-Fondazzjoni Cotoner sabiex ġewwa l-Forti Ricasoli tinbena knisja. Ir-raġuni prinċipali kienet li din il-fortizza kien waħda kbira b'riġment imdaqqas stazzjonat ġewwa fiha, b'bosta minnhom jgħixu hemmhekk flimkien mal-familji tagħhom. Naturalment, l-Ordni ta' San Ġwann, bħala wieħed reliġjuż, ħass il-bżonn ta' knisja li taqdi l-ħtiġijiet spiritwali ta' dawk kollha residenti fil-forti. Il-Gran Mastru Cotoner qaddad lill-inġinier residenti tal-Ordni Fra Mederico Blondel sabiex iħażżeż il-pjanti neċessarji.

L-ideja oriġinali ta' Blondel kienet li jwaqqaf il-knisja fuq il-lemin tal-entratura prinċipali u l-kamra tal-gwardji, fit-tarf tad-demi-bastjun ta' San

Ġwann, eżattament fil-parti finali tal-kwartieri tar-riġment, li sas-sena 1674 kienu diġà mibnija. B'dan il-mod, knisja hemmhekk kien ikollha l-kor mat-tarf tal-bastjun u n-navi jiffurmaw parti mill-arkati tal-kwartieri, u jiżguraw aktar sigurtà waqt attakk mill-għadu. Il-knisja f'dawn l-inħawi kien ikollha protezzjoni kbira permezz tal-bastjun. Blondel jidher li ħa dan il-ħsieb mill-knisja ta' Sant' Anna li tinsab fil-Forti Sant' Iermu, għaliex f'imkejjen oħra bħall-Forti Sant' Anġlu u l-Forti Manoel, il-knejjes ġew mibnija f'post ċentrali tal-istess forti.

Il-bini tal-knisja fil-Forti Ricasoli nbeda ftit wara l-31 ta' Marzu 1696 u tlesta għal kollox nhar il-15 ta' Mejju 1698. Qabel ingħata bidu l-bini, wara konsultazzjoni tal-Prijur Konventwali (Il-Prijur Konventwali kien il-kap tal-qassisin li kienu jservu l-membri tal-Ordni. Huwa kien stazzjonat ġewwa l-knisja konventwali ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, illum il-Kon-Kattidral ta' Malta), u l-Kummissarji tal-Gwerra, ġie deċiż li l-post tal-bini jinbidel, u b'hekk il-knisja sabet ruħha fil-post preżenti li huwa aktar ċentrali u fuq ix-xellug tal-etratura prinċipali. Ir-raġunijiet li nġiebu għal din l-għażla kienu li dan il-post kien aktar viċin tad-Dar tal-Gvernatur, aktar aċċessibbli mill-misraħ tal-parata (il-pjazza tal-armi), ma kienx hemm umdità, kien iktar kenni mir-riħ xitwi aħrax tal-Grigal, u fl-istess ħin xorta sigur f'każ ta' bumbardament. Barra minn hekk, ir-Rettur u l-Viċi-Rettur kienu stazzjonati fil-kwartieri biswit tal-istess knisja. Ġie deċiż li l-knisja tkun maqtugħa mill-kumplament tal-bini, filwaqt li taħtha ġiet imħaffra kripta li mhux biss kienet isservi bħala post ta' dfin, iżda wkoll bħala miżura kontra l-umdità tal-art. Għaliha nfetaħ bokkaport u ġie mħaffer garigor taħt is-sagristija li tinsab wara l-kor u li tidħol għaliha minn naħa tax-xellug tal-knisja.

Il-knisja ġiet iddedikata lil San Nikola minn Mira, Isqof ta' Bari, bħala memorja tal-Gran Mastru Nicola Cotoner, liema fondazzjoni mwaqqfa f'ġieħu ħallset għall-bini tagħha u anki l-manutenzjoni. Il-knisja ġiet ikkonsagrata nhar il-15 ta' Mejju 1698. Dakinhar attenda l-Gran Mastru Ramon Perellos li flimkien ma' bosta dinjitarji tal-Ordni qasam bil-baħar mill-Belt Valletta lejn il-Kalkara. Il-Prijur Konventwali bierek il-knisja u ċċelebra quddiesa fiha. Nhar id-19 ta' Mejju 1698 il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjità ta' knisja Parrokkjali, iżda b'xi riservi. Filfatt, b'Ittra Appostolika ddatata 29 ta' Settembru 1693, il-Papa Innoċenzju XII, wara

rakkomandazzjoni ta' erba' Kardinali, iddikjara l-knisja li kienet ser tinbena fil-Forti Ricasoli bħala knisja Parrokkjali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni.

Din l-ittra speċifikat diversi kundizzjonijiet. Ir-Rettur jew Kappillan ta' din il-knisja, u allura tal-forti kollu, kellu jkun Kappillan tal-Ordni (Il-Kappillani tal-Ordni kienu jservu f'diversi knejjes tal-Ordni kemm fil-Belt Valletta u anki f'żoni oħra. Dawn il-knejjes, inkluż dik tal-Forti Ricasoli, kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni u għalhekk kienu jsiru viżti pastorali mill-Prijur tal-knisja Konventwali u mhux mill-Isqof ta' Malta), li iżda ma kienx għal kollox indipendenti mill-Isqof. Kellu jinġieb permess mingħand l-Isqof ta' Malta u mingħand il-Prijur tal-knisja Konventwali sabiex ikun jista' jamministra s-sagramenti tal-qrar, il-vjatku mqaddes u l-griżma tal-morda. Għalkemm ir-raġuni prinċipali tal-Ittra Appostolika kienet li din il-knisja kienet ferm 'il bogħod mill-knisja Parrokkjali tal-Birgu, li taħt il-konfini tagħha kienet taqa' dak iż-żmien, in-nies kien ikollhom imorru l-Birgu għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-magħmudija, żwieġ, tqarbin u anki funerali. Il-Kappillan tal-Birgu kien jibda jassisti l-purċissjoni tal-funeral hekk kif din toħroġ il-bieb tal-forti. Dawn l-istess kundizzjonijiet kienu japplikaw għall-knejjes kollha li kienu jinsabu ġewwa fortizzi oħra, fosthom dik ta' Forti Sant' Anġlu li kienet ukoll taqa' taħt il-Parroċċa tal-Birgu. Forti Ricasoli sar jagħmel parti mill-Parroċċa ta' San Ġużepp tal-Kalkara meta din saret Parroċċa nhar l-10 ta' Diċembru 1897.

Il-Kappillani tal-knisja ta' San Nikola kienu jiġu magħżula mill-fiduċjarji tal-Fondazzjoni Cotoner, li kienet ukoll tħallas għas-servizz tagħhom. Il-Kappillan kien jirċievi 80 *scudi* kull sena, filwaqt li l-Viċi Kappillan kien jirċievi 50 *scudi*. Binjiet oħra relatati mal-knisja kienu d-djar tal-Kappillan u l-Viċi Kappillan, bl-aħħar waħda mibnija lejn ftit wara s-sena 1720. Nhar it-28 ta' Lulju 1722, Dun Carlo Refalo, Viċi Kappillan, talab permess lill-Kummissjoni tal-Gwerra biex tinbena dar ġdida għalih għaliex dik eżistenti kienet umduża. Huwa kellu diġà fil-pussess tiegħu l-ġebel meħtieġ, iżda xorta waħda kellu l-bżonn tal-approvazzjoni tal-istess Kummissjoni.

## Leġġenda marbuta ma' dan il-forti

Leġġenda tgħid li ħares liebes ta' Tork deher billejl u qajjem ħaddiem li kien qed jaħdem fil-viċin u qallu li kien hemm teżor kbir moħbi ġol-fortizza

Ricasoli. Dan il-ħaddiem qal lil sieħbu ħaddiem ieħor u flimkien marru jfittxu t-teżor fil-lok li kien indika il-ħares. Kulma sabu kienu biċċiet tal-faħam – it-teżor kien inbidel f'biċċiet tal faħam! Fil-lejl ta' wara il-ħares reġa' deher u ta xebgħa lil dak il-ħaddiem talli kien żvela s-sigriet li kien għarraflu l-ħares. "*Dak li jgħidlek il-ħares tgħidu lil ħadd!*" qallu l-ħares qabel ma sparixxa għal dejjem.

## Deskrizzjoni tal-knisja

Il-knisja għandha forma rettengulari, b'tul ta' kważi tmintax-il metru u wisa' ta' disa' metri. L-arkitettura tagħha hija waħda ta' stil militari u għalhekk x'aktarx sempliċi. Il-faċċata ukoll hija sempliċi, xhieda tal-ispazju simettriku li nsibu fuq ġewwa. L-iskultura u d-dekorazzjoni hija waħda ta' stil Mannerista, b'eku żgħir lejn il-Barokk, kif jidher fil-portiku. Madwar il-knisja nsibu fetħiet li jipprovdu l-arja meħtieġa għall-kripta.

Il-filati tal-ġebel huma regolari ħafna, filwaqt li fuq il-gwarniċa jitilgħu pilastri li jintemmu b'kaptelli stil tal-ordni Tuskan. Il-ħarsa lejn il-faċċata tieqaf ħesrem permezz ta' gwarniċa oħra, u tkompli permezz ta' speċi ta' frontispizju li jintemm b'żewġ važuni tal-ġebel fiż-żewġ ġnub. F'din il-parti tal-frontispizju nsibu tieqa tonda, fuq stil Mannerist, li minna kien jidħol id-dawl tax-xemx fuq l-altar maġġur. Il-ġnub tal-knisja huma maqsumin permezz ta' pilastri fi tliet partijiet, li kull waħda minnhom tinsab fiha tieqa.

Fil-knisja nsibu tliet altari: dak maġġur fin-nofs fil-kor, u tnejn oħra fil-ġnub. L-altar maġġur kien iddedikat lil San Nikola u b'ordni tal-Fondazzjoni Cotoner. Kuljum kienet tiġi ċċelebrata quddiesa għal ruħ il-Gran Mastru Cotoner. Kemm il-Kappillan kif ukoll il-Viċi Kappillan kienu jingħataw 30 *scudi* fis-sena għal din il-quddiesa. Minbarra din il-quddiesa, kienu jiġu ċċelebrati tnax-il quddiesa oħra kull xahar, kif ukoll meta tkun festa jew inkella l-Ħadd kien jingħad quddies ieħor bikri mal-għodwa qabel ma tinbidel il-gwardja. Il-ħlas għal kull quddiesa kien ta' 3 *tari*.

It-tieni altar kien dedikat lill-Madonna tal-Pilar, imwaqqaf minn Dun Fra Tommaso Ondeano, Kappillan tal-Lingwa ta' Aragona nhar l-10 ta' Settembru 1749 wara li kien ħallas lill-Fondazzjoni Cotoner 50 *scudi.* Fl-1760 Fra Ondeano ta 83 *scudi* lil *Massa Frumentaria* tal-Belt Valletta li

kienet timporta l-qamħ, sabiex l-interessi magħmulha jintużaw għaċ-ċelebrazzjoni ta’ vespri, quddiesa solenni u tnejn oħra letti nhar it-12 ta’ Ottubru, festa liturġika tal-Madonna tal-Pilar. Sentejn wara Fra Ondeano żied il-kontribuzzjoni tiegħu b’133 *scudi* bi 3 fil-mija interessi jmorru għall-istess ċelebrazzjonijiet.

It-tielet altar kien dedikat lil San Ġwann l-Evanġelista u kien imwaqqaf minn Pietro Pulis nhar l-20 ta’ Diċembru 1750 li ħallas 50 *scudi* lill-Fondazzjoni Cotoner b’kundizzjoni li tiġi ċċelebrata quddiesa nhar il-festi kollha.

Statwa antika tal-injam ta’ Marija Addolorata kienet tinsab fil-kripta. Din l-istatwa kienet fuq waħda mill-galeri tal-Ordni qabel is-sena 1523, matul il-perjodu li kienu joperaw minn Rodi. Kien hemm devozzjoni kbira lejn din l-istatwa, tant li xi persuni fil-forti kienu jżuruha ta’ kuljum. Minħabba f’hekk, il-Fondazzjoni Cotoner waqqfet altar fil-kripta stess għal din l-istatwa. Barra minn hekk, fil-kripta jinsabu żewġ altari oħra, wieħed iddedikat lis-Salib Imqaddes, imwaqqaf minn Arcangelo Chetcuti fil-21 ta’ April 1751 li kien ħallas 50 *scudi* lill-Fondazzjoni Cotoner b’risq quddiesa nhar il-festa, waqt li l-ieħor huwa ddedikat lill-Flaġellazzjoni ta’ Kristu u kien imwaqqaf minn Dun Paolo Piscopo nhar l-4 ta’ Marzu 1757 bl-istess kundizzjonijiet tal-altar l-ieħor.

Il-knisja kienet sinjura fejn jidħlu armar liturġiku, ikoni u relikwiji, b’dawn tal-aħħar, l-iktar prezzjużi u devoti minnhom kienu jinsabu f’kaxxa kbira mdawra b’bellus u kristall taħt l-altar maġġur. Kien hemm madwar sebgħa u sebgħin relikwija ta’ diversi qaddisin, fosthom San Nikola, San Ġwann il-Battista, San Pietru, San Ġużepp u kif ukoll tas-Salib Imqaddes fost l-oħrajn.

Fost id-diversi xogħlijiet tal-arti li konna nsibu f’din il-knisja nistgħu nsemmgħu tliet opri importanti. Il-pittura titulari fuq l-altar maġġur kienet turi lil San Nikola flimkien mal-Gran Mastru Nicola Cotoner, u tpittret mill-Kavallier u pittur Taljan Mattia Preti. Pittura oħra kienet turi lill-Madonna tal-Vitorja li probabilment kienet kopja ta’ dik li nsibu fil-knisja Konventwali ta’ San Ġwann fil-Belt Valletta. It-tielet pittura kienet ukoll turi mezzo-bust ta’ San Nikola li kienet ġiet miġjuba minn Rodi fl-1530 mill-familja Tolossenti flimkien ma’ xi opri oħra. Din il-pittura kellha devozzjoni

kbira fi ħdan din il-familja, iżda wara żewġ sekli, nhar il-5 ta' Diċembru 1744, lejlet il-festa ta' San Nikola, Dun Giovanni Battista Tolossenti, li kien l-aħħar eredi tal-familja, irregalaha lill-knisja tal-Forti Ricasoli għad-devozzjoni pubblika. Ġiet imbierka mill-Kappillan Dun Gaetano Reboul li kiteb l-istorja tagħha fuq il-parti ta' wara tal-inkwatru tal-pittura.

Pittura oħra kienet turi lil Giovanni Battista Bosa li żmien qabel kien Kappillan tal-forti, liema pittura ġiet akkwistata minn Gaetano Reboul fl-1753 mingħand Dun Filippo Grech. F'dak iż-żmien Bosa kien għadu ħaj, tant li r-referenza għalih kienet '*il-Kappillan irtirat tal-forti*'.

L-għamara tal-knisja ġiet minn erba' imkejjen differenti: kien hemm għamara mislufa mill-knisja Konventwali ta' San Ġwann, għamara mgħotija mill-Fondazzjoni Cotoner, għamara u opri oħra rregalati minn Kappillani jew devoti, u opri oħra li kienu tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Vitorja li kienet ġiet imwaqqfa fl-istess knisja. Dawn tal-aħħar kienu jinkludu relikwiji, oġġetti tal-fidda, abiti sagri, kotba u missalli, fjuretti, gandlieri, standardi u affarijiet oħra. Agius de Soldanis jagħti inventarju ddettaljat tal-affarijiet kollha li konna nsibu f'din il-knisja lejn nofs is-seklu tmintax.

Dun Gaetano Reboul kien waqqaf ukoll librerija fil-forti li fiha kienu jiġu maħżuna manuskritti u rakkonti relatati kemm mal-knisja u anki mal-Forti Ricasoli. Reboul kien jagħmel sforzi kbar biex jakkwista, permezz ta' favuri differenti, kotba u oġġetti oħra meħtieġa għall-knisja, u dan b'mod speċjali permezz ta' ħabib tiegħu, l-awtur magħruf Malti Dun Ignazio Saverio Mifsud, li kien jaġixxi ta' interlokutur. Għas-sena 1752 Reboul kien kiteb noti dwar il-forti u l-knisja li permezz tagħhom illum nafu parti kbira mill-istorja tal-Forti Ricasoli. Reboul kien strumentali biex jakkwista kor użat għall-knisja b'mod mill-aktar inġenjuż. Fil-31 ta' Lulju 1752 huwa kiteb lill-kuġinuh Dun Carlo Reboul sabiex dan tal-aħħar ikellem lil Dun Francesco Castiglio, Kappillan tal-knisja tal-Madonna tal-Vitorja fil-Belt Valletta, u jitolbu l-kor ta' dik il-knisja billi kien sar magħruf li Kavallier Spanjol kien ser iħallas għal kor ġdid fil-knisja tal-Belt. Naturalment, Dun Gaetano Reboul, insista ma' kuġinuh li hu ma jissemmiex f'din it-talba ma' Castiglio, u dan għaliex huma ma kienux qed jaraw għajn m'għajn minħabba xi diskors li sar mill-Viċi Kappillan ta' Castiglio. Ċertament, m'hemm l-ebda dubju li żmien Reboul bħala Kappillan kien żmien tad-deheb għal din il-

knisja. Interessanti li tliet snin wara dan il-każ, Reboul flimkien mal-Kappillan tal-Forti Manoel Dun Fra Luigi Deluci, kien għadu miġġieled ma' Castiglio, u dan minħabba li dan tal-aħħar kien qed jieħu 14 *tari* mingħand il-qraba ta' persuni mejta bħala ħlas ta' servizz ta' funeral bejn l-isptar u l-moll tal-Belt Valletta. Qabel dawn kienu jittieħdu għall-Forti Ricasoli jew il-Forti Manoel għar-rit tad-difna. Iż-żewġ Kappillani ta' dawn il-fortijiet pretendew li jitħallsu tal-inqas 10 *tari* għas-servizz tagħhom fid-difna. M'huwiex magħruf x'kienet id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ordni dwar din il-kwestjoni.

Eżattament fl-entratura prinċipali tal-Forti Ricasoli, fil-kamra tal-gwardja, kien hemm niċċa ddedikata lill-Madonna tal-Grazzji, li kien jieħu ħsiebha l-Kappillan flimkien ma' żewġ prokuraturi nominati mill-istess Kappillan. Nhar il-festa tal-Isem Imqaddes ta' Marija kien jintrama altar taħt din in-niċċa u wara purċissjoni qasira mill-knisja ta' San Nikola għaliha, kienet issir quddies fil-post għall-ġemgħa preżenti. Quddiem din in-niċċa kuljum kienet issir it-talba tar-Rużarju għal ruħ Fra Giovanni Francesco Ricasoli, il-promotur u benefattur prinċipali ta' dan il-forti.

## Tilwim fuq ġurisdizzjoni ekkleżjastika

L-Ittra Appostolika tad-29 ta' Settembru 1693 li għolliet il-knisja tal-Forti Ricasoli għad-dinjità ta' knisja Parrokkjali tal-Ordni, kienet valida biss għal seba' snin. Għaldaqstant, kull seba' snin kienet terġa' ssir talba biex dan id-digriet jerġa' jiġi estiż. Dan eżempju ġara nhar is-27 ta' Marzu 1763 meta, flimkien ma' privileġġi oħra li ngħataw fl-1693, il-Papa Klement XIII ipproklama indulġenza perpetwa lil dawk kollha li jżuru din il-knisja u l-altari ta' ġewwa fiha, b'mod speċjali l-altar titulari ta' San Nikola. Indulġenzi għall-erwieħ tal-mejtin kienu jingħataw ukoll kull darba li tiġi ċċelebrata quddiesa funebri. L-Ittri Appostoliċi tal-24 ta' April 1770, tat-23 ta' Ottubru 1781 u tas-17 ta' Marzu 1791, kollha jikkonfermaw dawn il-privileġġi. Barra minn hekk, fit-23 ta' Novembru 1784, digriet ieħor maħruġ minn Papa Piju VI ta lill-knisja l-privileġġ ta' vespri kantati u l-quddiesa solenni fil-festi ta' San Nikola u ta' Sant' Anna.

L-Ittra Appostolika tal-1693 iddikjarat il-knisja tal-Forti Ricasoli bħala indipendenti mill-ġurisdizzjoni tal-Isqof ta' Malta u kienet taqa' direttament

taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni. Matul is-snin tal-1690, ir-relazzjoni tal-Ordni mal-isqof ta' Malta l-monsinjur Davide Cocco Palmieri kienet mimlija tensjoni, speċjalment minħabba l-ġurisdizzjoni tal-amministrazzjoni tas-Sagramenti. L-ittra tal-1693 tat aktar qawwa lill-argumenti tal-isqof ta' Malta kontra l-Ordni, għaliex kienet tisħaq li l-Kappillan tar-Ricasoli ma setax jamministra s-Sagramenti u lanqas iqarar lil dawk li kienu jgħixu fil-forti mingħajr il-permess kemm tal-Isqof u anki tal-Prijur. Kif ra dawn il-poteri fuq il-knisja ta' San Nikola, l-isqof prova jieħu ftit kontroll, u għalhekk huwa avża lill-Kappillan li kien ser jagħmel viżta pastorali f'din il-knisja Parrokkjali bħala Delegat Appostoliku, u kien ser jeżamina l-funzjonijiet tal-knisja indipendentement mill-privileġġi tal-Ordni. Il-Kappillan informa lill-Gran Mastru u lill-Kunsill bl-intenzjoni tal-Isqof, u nhar is-6 ta' Lulju 1700 il-Kunsill ħatar Kummissjoni magħmulha minn tliet Kavallieri anzjani li mas-segretarji tal-Gran Mastru kellhom jeżaminaw din il-kwistjoni, jagħtu l-pariri meħtieġa u anki jazzjonawhom.

Sat-8 ta' Lulju 1700, il-Kummissjoni maħtura kienet diġà bagħtet lill-avukat tal-Ordni għand il-Kurja tal-Isqof, tisħaq li dan tal-aħħar ma kellux dritt jagħmel il-viżta pastorali għax din kienet tmur kontra l-privileġġi tal-Ordni kif inhu miktub fuq l-Ittra Appostolika. It-talba tal-Isqof kienet ibbażata fuq il-prattika universali fejn l-Isqof, bħala Delegat Appostoliku, seta' jagħmel żjara fil-knejjes kollha tal-Ordni fejn kienu jiġu amministrati s-Sagramenti, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Kunsill tal-Ordni u l-Bolla Papali *Exposcit* tal-Papa Piju V. Il-Kummissjoni magħmulha mit-tliet Kavallieri argumentat li fl-Ittra Appostolika tal-1693, il-knisja kienet iddikjarata *pleno iure* taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni u bħala membru tal-knisja Konventwali, u għalhekk il-prattika universali li kien qed isemmi l-Isqof ma kienetx tgħodd f'dan il-każ. L-Isqof xorta waħda mar il-Forti Ricasoli biex iwettaq il-viżta pastorali, imma ma tħalliex jidħol. Għalhekk, kemm l-Isqof u anki l-Ordni ddeċidew li jirreferu dan il-każ lill-Vatikan, filwaqt li l-Kummissjoni maħtura mill-Ordni baqgħet attiva sakemm tingħata ordnijiet oħra mill-Kunsill.

It-trattamenti mal-Vatikan damu sejrin bosta snin, kif kien normali f'dak iż-żmien. Minn korrespondenza bejn il-Kardinal Paulucci u Mons.injur Cocco Palmieri nafu li sa Lulju tal-1701 il-Papa kien għadu ma rċeviex ir-raġunijiet tal-Ordni kontra li jsiru l-viżti pastorali fil-knisja ta' San Nikola.

Mhux ċar kif intemmet din il-kwistjoni, iżda tliet snin wara l-Isqof kien għadu qed jinsisti fuq il-ġurisdizzjoni tal-knisja Parrokkjali. Fl-1703 Monsinjur Cocco Palmieri żamm sinodu djoċesan fil-knisja Kattidrali li għaliha ordna sabiex ikunu preżenti Fra Domenico Gambigallo, il-Kappillan, u Fra Giovanni Bosa, il-Viċi Kappillan tal-knisja tal-Forti Ricasoli, iżda huma rrifjutaw li jattendu. F'dikjarazzjoni ta' protesta reġistrata fil-Kanċellerija tal-Ordni nhar it-23 ta' April 1703 huma ddikjaraw li ma kellhomx għalfejn jattendu dan is-sinodu minħabba li huma ma kienux suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Isqof.

**Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-iktar festi importanti**

L-iktar festa reliġjuża importanti ċċelebrata fil-Forti Ricasoli kienet dik ta' San Nikola, qaddis patrun, nhar is-6 ta' Diċembru. Kienet tiġi ċċelebrata bil-kant tal-vespri, quddiesa solenni bil-paniġierku u purċissjoni madwar il-forti. Fis-6 ta' Diċembru 1746 Dun Gaetano Reboul iċċelebra din il-festa u wettaq purċissjoni madwar il-forti permezz ta' kaxxa bir-relikwiji qaddisa. Din l-okkażjoni baqgħet imfakkra permezz ta' kitbiet li saru kemm barra kif ukoll ġewwa l-knisja. Fl-1731 il-kappillan Fra Carlo Refalo fetaħ ġnien żgħir fuq barra tal-forti, bid-dħul minnu jmorru għaċ-ċelebrazzjoni tan-novena tal-festa ta' San Nikola. Fis-sena 1791 id-dħul minn dan il-ġnien kien 31 *tari* fis-sena, li ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tan-novena, u għalhekk il-Kappillan Fra Andrea Fenech kabbar il-ġnien u żied id-dħul finanzjarju minnu.

Festa oħra importanti ċċelebrata ġewwa l-Forti Ricasoli kienet dik tal-Madonna tal-Vitorja nhar it-8 ta' Settembru. Din id-data kienet importanti ferm kemm għall-Kavallieri u anki għal Maltin għax kienet it-tifkira tar-rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565 u għalhekk dakinhar kienet issir purċissjoni madwar il-forti. Devozzjoni oħra mir-residenti tal-forti kien lejn San Ġwann t'Alla, tant li nhar it-8 ta' Settembru 1745, wara l-kant tal-vespri, ir-relikwija tal-qaddis inġarret waqt il-purċissjoni. Ċelebrazzjonijiet simili kienu jsiru fl-24 ta' Ġunju festa ta' San Ġwann il-Battista, u Ħadd fuq *Corpus Christi* li wkoll kienet tiġi ċċelebrata permezz ta' quddiesa solenni. Fl-24 ta' Diċembru 1739, għall-ewwel darba ġol-Forti Ricasoli u ġol-Forti Manoel saret il-quddiesa ta' lejlet il-Milied.

## Il-priedki tal-Milied ta' Dun Ignazio Saverio Mifsud fil-Forti Ricasoli

Il-ħames quddiesa ta' lejlet il-Milied li saret fil-knisja ta' San Nikola fl-1743 hija ta' interess storiku. Il-Kappillan Reboul kien stieden lil Dun Ignazio Saverio Mifsud, dak iż-żmien seminarista ta' tnejn u għoxrin sena, sabiex jagħmel il-priedka tal-Milied f'nofsillejl neqsin kwart. Iż-żgħażugħ Mifsud kiteb in-noti ta' dan il-paniġierku u aktar tard silithom f'manuskritt mimli b'kitba bl-ilsien Malti bikri ta' dak iż-żmien, manuskritt li huwa ferm studjat mill-istudjużi tal-ilsien Malti. Minħabba f'hekk nistgħu ngħidu li l-Forti Ricasoli ta l-kontribut tiegħu ukoll fejn tidħol l-istorja tal-lingwa Maltija għaliex il-priedki ta' Mifsud għadhom sal-lum meqjusa bħala l-eqdem proża fl-ilsien Malti.

Reboul u Mifsud kellhom ħbieberija kbira matul ħajjithom, iżda l-uniku traċċa li fadal ta' dan hija l-edizzjoni tad-djarju ta' Reboul li Mifsud kien irnexxielu jippubblika. Dakinhar, il-ġegħma preżenti fil-knisja ta' San Nikola semgħet lis-seminarista jintroduċi l-priedka tiegħu bil-kliem Latin '*Annuntio vobis gaudium magnum...*' u wara tahom eżempji mill-ħajja tagħhom ta' kuljum biex ifakkarhom fil-bżonn ta' l-indiema matul il-preparazzjoni għall-miġja ta' Kristu matul dik il-lejla xitwija.

Jidher li fil-knisja ma kienx hemm pulptu u għalhekk Mifsud ippreżenta l-priedka tiegħu minn fuq l-altar. Huwa kiteb din il-priedka nhar l-20 ta' Diċembru 1743. Il-priedki tiegħu, kollha bil-Malti, flimkien ma' oħrajn bit-Taljan, insibuhom fil-manuskritt *Discorsi e Panegirici Sacro-Morali composti e rappresentati in Malta in varie occasioni, e contingenze del Sac(erdo)te Ignazio Saverio Mifsud, Maltese. E dall'istess dedicati, e conservati alla Pia, e Venerabile, e Santa Memoria del Giovine Gaetano Fortunato Mifsud Fratello predefonto dell'Aut(or)e MDCCLII*.

## Uħud mir-Retturi u Kappillani

L-ewwel Kappillan tal-Forti Ricasoli kien Dun Fra Matteo lo Castro filwaqt li l-ewwel Viċi Kappillan kien Dun Fra Geronimo Signorino. Madankollu, probabilment lo Castro qatt ma qeda d-dmirijiet tiegħu fil-forti u dan għaliex fl-1692 kien diġà ġie sostitwit minn Dun Fra Domenico Gambigallo mill-Isla, sitt snin qabel il-knisja preżenti tlestiet mill-bini u t-twaqqif

b’mod uffiċjali tal-gwarniġun. Gambigallo miet fl-1730 filwaqt li t-tieni Kappillan kien Dun Fra Giovanni Battista Bosa, mill-Isla ukoll, li sal-1743 kien irtira u miet fl-1753.

Kappillan tal-Forti Ricasoli li għamel isem kien Dun Fra Gaetano Reboul li kien diġà fil-kariga fl-1743 meta Ignazio Saverio Mifsud għamel il-priedka tal-Milied u sa Ġunju 1755 kien għadu Kappillan hemmhekk. Reboul twieled fil-Belt Valletta fl-1707 u miet fl-14 ta’ April 1759, probabilment fil-Forti Ricasoli. Huwa ġie midfun fil-knisja Konventwali ta’ San Ġwann. Huwa kien sar Rettur tal-Ubbidjenza fi ħdan l-Ordni fl-1733, u l-ewwel ħatra tiegħu kienet bħala Kappillan tal-Kurċifiss fl-ewwel sala tal-*Lazzaretto* jew l-isptar tal-kwarantina. Sentejn wara ħa l-pussess bħala Viċi Kappillan tal-knisja ta’ San Nikola fil-Forti Ricasoli wara l-mewt tal-Viċi Kappillan ta’ qabel Dun Fra Carlo Refalo. Reboul kien jieħu interess spiritwali personali f’dawk kollha li kienu jgħixu fil-forti u fid-djarju li kiteb kien iżomm notamenti tal-avvenimenti importanti li fasslu l-ambjent soċjali tal-gżira u li kienu qed iseħħu f’Malta fin-nofs tas-seklu tmintax.

Il-knisja ta’ San Nikola u l-Kappillan tagħha servew l-iskop tagħhom, kemm reliġjuż u anki morali, b’mod mill-aktar għaqli b’risq ir-residenti li kienu jgħixu fil-forti.

**Konklużjoni**

Il-knisja ta’ San Nikola ġewwa l-Forti Ricasoli baqgħet tintuża maż-żmien għaliex matul il-ħakma tal-Imperu Ingliż xorta waħda kien hemm diversi Maltin stazzjonati hemmhekk. Ir-rwol tagħha ħa dimensjoni oħra fl-1897, meta l-istess knisja waqgħet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Parroċċa l-ġdida ta’ San Ġużepp tal-Kalkara.

Madankollu, meta l-Forti Ricasoli beda jitlef mill-ħtieġa strateġika tiegħu, u speċjalment hekk kif dan sar bla użu meta ntemmet il-ħakma tal-Imperu Ingliż, din il-knisja flimkien mal-forti kollu sfaw abbandunati. Maż-żmien intużaw għal diversi skopijiet, fosthom fil-ġbid ta’ films magħrufa, u l-knisja intużat bosta drabi bħala maħżen.

Illum, kemm il-forti kif ukoll l-istess knisja jinsabu fi stat ta’ abbandun totali, tant li jekk mhux ser jiġu restawrati minnufih, ser nispiċċaw nitilfuhom darba għal dejjem. L-istorja tibqa’ ħajja mhux biss għax tista’ taqra dwarha, iżda wisq iżjed jekk tkun tista’ żżurha u tmissha b’idejk.

**Lista parzjali tal-Kappillani u Viċi Kappillan tal-knisja ta' San Nikola fil-Forti Ricasoli**

***Kappillani:***

- Matteo lo Castro: qabel l-1692, probabilment ma kienx residenti fil-forti.
- Domenico Gambigallo: twieled l-Isla u miet fis-16 ta' Frar 1730. Inħatar qabel il-5 ta' Jannar 1692.
- Giacinto Signorino: inħatar qabel il-25 ta' April 1694.
- Giovanni Battista Bosa: twieled l-Isla u miet fit-23 ta' Awwissu 1753.
- Gaetano Reboul: twieled il-Belt Valletta xil-1707, u miet fl-14 ta' April 1759. Inħatar qabel l-24 ta' Diċembru 1743.
- Andrea Fenech: miet fis-6 ta' Novembru 1796.
- Adriano Leonardo: inħatar qabel l-1797.

***Viċi Kappillani:***

- Geronimo Signorino: Inħatar qabel id-19 ta' Settembru 1693.
- Gasparo Azzopardi: miet fit-3 ta' Mejju 1698.
- Giovanni Battista Bosa
- Carlo Refalo: twieled l-Isla. Inħatar *ad interim* fl-1717, filwaqt li ħa l-pussess fit-18 ta' Frar 1730. Miet fil-kariga fit-12 ta' Mejju 1735.
- Gaetano Reboul: Inħatar fis-7 ta' Mejju 1735.
- Claudio Ricca: twieled il-Belt Valletta u miet fis-17 ta' Jannar 1771.
- Gaetano Galea: inħatar qabel l-1797.

## L-Ittra Appostolika tal-1693

L-Ittra Appostolika datata 29 ta' Settembru 1693 li waqqfet il-knisja ta' San Nikola fil-Forti Ricasoli bħala knisja Parrokkjali Konventwali:

*Die 29 Septembris 193 Sacra Congregatione Eminentorum Sacris Ordinis Religionis Cardinalium Acciaioli, Mariscotti, Casanate, et Bichi a sanctissimo Domino Nostro particulariter deputata, attentis peculiaribus circumstantiis, et signantur ab fundationem unius Ecclesia erigenda in Fortalitio Ricasoli nuncupato muniendo ad immediatam Conventus defensam, ob qualitatem situationis eiusdem, ob periculosum mari, et longum, asperrime Terra accessum, as a Parochia distantiam, censuit si sanitati sua placuerit, petitam facultatem fundandi ecclesiam, seu Cappellam praedictamsub infrascriptis conditionibus quod ea sit regularis, membrum, et pars, ac de partenentiis Ecclesia Prioralis Conventualis principalis Conventus, et Hospitalis Sancti Ioannis ab ea dependens, erigetur pleno Iure subiecta, et quod Cappellanus qui sit de ordine fratrum cappellanorum eiusdem Religionis professus, si fieri potest, sin minius novitius, vel in eorum defectum, etiam Presbyter secularis ad nutum Eminentissimi Magni Magistri in eadem prefeciendus, omnibus, et singulis in eodem Propugnaculo degentibus sacramenta etiam sanctissimi Viatici, et Extremae Unctionis nomine Prioris euisdem Ecclesia Conventualis administrat per litteras Apostolicas in forma Brevis concedi posse, reservata tamen Episcopo quoad Personas sibi subiectas approbatione Cappellani etiam Regularis ad nutum dicti Eminentissimi Magni Magistri amovibilis nec non salvis Parocho Emolumentis, et Juribus Parochialibus quoad Baptismata, Matrimonia, Præceptum Paschale, Funeralia, tumulationem cadaverum, quatenus commode alio deferri, et asportari contigerit: Ita tamen, ut praesens Indultum non tramseat in exemplum: facta ergo de praemissis per infrascriptum sancti Congregationis Concilii Secretarium relatione sanctissimo: Sanctitas sua prædictæ particularis Congregationis sentiam in omnibus approbavit sub die Octobris – 1693.*

*E Cardinalis Mariscottus Praefectus.*
*R. Pallavicinus Secretarius.*